**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-28 TA' MARZU 2019**

**Kawża Nru: 6**

**Rikors Ġuramentat Nru. 1011/2017 RGM**

**Rita Cini (K.I. 193362M) f'isimha proprio u bhala prokuratrici ta' l-imsiefrin Lisa Miller (British PP 464488521) u Jonathan Langley (British PP 110590501) ulied il-mejta Carmela Langley *nee`* Cremona; Virginia Cremona (K.I. 232676M); Mary Ellul (K.I. 92552M); Grace Cremona (K.I.0610348M); Alfred Cremona (K.I. 547347M); Joanne Vella Cremona (K.I. 0331373M) u Sharon Cremona 0316877M) ulied il-mejjet Giovanni Battista**

**Vs.**

**Dr. Sonia Consiglio (K.I. 302271M), nominata b'digriet tas-17 ta' Novembru 2017 bhala kuratur deputat sabiex tirrapprezenta lill-assenti imsiefer Jason Langley iben il-mejta Carmela Langley**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat preżentat mill-atturi fit-3 ta' Novembru 2017** li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti huma kompropjetarji tal-fondi bin-numru sebgha u ghoxrin (27) Pjazza San Gakbu Zabbar, liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu, bl-arja libera sas-sema ad infinitum tieghu u bis-sottoswol sac-centru tad-dinja tieghu u bil-pussess vakanti, u bejniethom jipposjedu wiehed u sebghin partijiet minn tnejn u sebghin partijiet cioe 98.61% in kwantu ghall hamsa u sebghin fil-mija (75%) mir-rikorrenti Virginia Cremona, in parte b'wirt u in parte b'xiri u kwantu ghal tnejn tlieta punt sitta wiehed wiehed fil-mija (23.611%) mill-partijiet l-ohra minn wirt ta' missierhom;

2. Illi nofs (1/2) indiviz) ta' dan il-fond gie akkwistat fiz-zwieg minn Virginia mart Angelo Cremona u n-nofs (1/2) indiviz l-iehor gie akkwistat minn bintha Rita Cini permezz ta' kuntratt ta' bejgh/xiri, datat disgha (9) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija wiehed u tmenin (1981), fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza, (Dok 'A')

3. Illi fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru 1993, miet missier Angelo Cremona u permezz ta' testment datat tnejn u ghoxrin (27) ta' Jannar 1989, fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza (Dok 'B') halla s-sehem tieghu ta' kwart indiviz (1/4) ta' limsemmi fond 27 Misrah San Gakbu Haz-Zabbar lis-sitt uliedu u werrieta – Mary mart Joseph Ellul, Giovanni Battista, Alfred Cremona, Grace Cremona, Rita mart Jospeh Cini, Carmela mart Langley, u Giovanni Battista;

4. Illi permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni, datat tnejn u ghoxrin (22) ta' April tas-sena elf disa' mija erbgha u disghin (1994), fl-atti tan-Nutar Dottor John Bisazza, (Dok 'C') Rita Cini ittrasferiet b'titolu ta' donazzjoni gratuita lill-Virginia Cremona is-sehem taghha ta' nofs indiviz (1/2) tal-fond imsemmi sebgha u ghoxrin (27) Misrah San Gakbu Haz-Zabbar.

5. Illi fl-24 ta’ Frar 199 miet, wiehed mill-ulied, Giovanni Battista Cremona u permezz ta’ testment datat sbatax (17) ta’ Jannar tas-sena elf disgha mija u wiehed u disghin (1991) fl-atti tan-Nutar Joseph Vassalli-Agius (Dok ‘D’) halla werrieta universali lil zewg uliedu Joanne u Sharon Cremona;

6. Illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) mietet f’Leicester l-Inghilterra, wild ohra Carmela mart David John Langley nee’ Cremona u permezz ta’ testment maghmul ‘Leicestershire’ l-Inghilterra (Dok ‘E’), halliet bhala werrieta taghha lit-tlett uliedha Lisa Miller, Jonathan Langley u Jason Langhley;

7. Illi dan il-fond ilu jinzamm in komun bejn il-partijiet odjerni ghal tlieta u ghoxrin (23) sena;

8. Illi r-rikorrenti jipposjedu flimkien kwota ta’ 98.611% (Dok ‘G’) u hija maqsuma hekk: a) Virginia Cremona - 75% b) Alfred Cremona - 4.166% c) Grace Cremona - 4.166% d) Rita Cini - 4.166% e) Mary mart Ellul - 4.166% f) Zewg ulied tal-mejjet Giovanni Battista Cremona: Joanne Vella Cremona - 2.083 Sharon Cremona - 2.083 g) Zewg ulied tal-mejta Karmena Langley: Jonathan Langley 1.389 Lisa Langley 1.389

9. Illi r-rikorrenti kollha qablu li l-proprjeta fuq imsemmija ghandha tinbiegh u qablu wkoll dwar il-modalitajiet u prezz (ta’ €106.000) kif jirrizulta mill-konvenju tas-sbatax (17) ta’ Dicembru 2016 – Dok ‘F’;

10. Illi r-rimanenti kwota ta’ wiehed punt tlieta tmienja disgha fil-mija (1.389%) tappartjeci lill-konvenut Jason Langley wild il-mejta Carmela Langhley;

11. Illi l-konvenut m’ghandux residenza u indirizz fiss u sar konsapevoli li ser issir l-bejgh b’korripsondenza eletronika;

12. Illi diversi tentattivi u talbiet sabiex l-intimat jigi Malta jaghti l-kunsens tieghu jew jinnomina prokuratur jew iressaq xi raguni ghaliex m’ghandux isehh il-bejgh pero baqa’ jittrateni u ma tax risposta;

13. Illi l-konvenut kien konsapevoli illi ebda xerrej prospettiv ma kien ser jixtri parti indiviza biss tal-fondi;

14. Illi ghaldaqstant, qieghed kontestwalment ma' dan ir-rikors, jigi ntavolat rikors ghan-nomina ta' kuraturi sabiex jirraprezentaw lil Jason Langhley fil-kwota ta' wiehed punt tlieta tmienja disgha (1.389%);

15. Illi l-kwoti ta' propjeta' u provenjenza dwar titolu inhadmu mill-konsulent legali tar-rikorrenti u minn Nutar Josef Masini Vento, liema ricerki huma disponibbli ghal kull parti nteressata skond id-direzzjoni tal-Qorti

Ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, l-esponenti jitlobu bir-rispett li dina l-Qorti joghgobha:

1. Tawtorizza l-bejgh tal-kwoti kollha ta' propjeta' tal-fond 27 Pjazza San Gakbu Zabbar bil-prezz u kundizzjonijiet misjuba fil-konvenju anness bhala Dok A u/jew taht kwalunkwe kundizzjoni ohra li din il-Qorti joghgobha timponi;

2. Tistabilixxi jum, hin u lok ghall-publikazzjoni tal-att notarili opportun;

3. Tinnomina lin-Nutar Josef Masini Vento sabiex jippublika l-att ta' trasferiment opportun;

4. Tahtar kuratur biex jirraprezenta l-konvenut assenti u

5. Tghati dawk l-ordnijiet ohra li jidhirilha xieraq u gusti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi annessa mar-rikors ġuramentat.

Rat id-digriet tas-17 ta' Novembru 2017 li permezz tiegħu l-Qorti innominat lil Dr Sonia Consiglio bħala kuratur tal-konvenut assenti Jason Langley.

Rat ir-risposta tal-kuratur deputat tal-15 ta' Jannar 2018 li permezz tagħha iddikjarat illi għalkemm saru diversi tentativi pero' kienet għadha bla risposta.

Semgħat ix-xhieda tan-Nutar Dottor Josef Masini Vento; ta' Tiziana Micallef u ta' Dr Maxiline Ellul fl-udjenza tal-14 ta' Marzu 2018 u rat id-dokumenti eżebiti.

Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Din hi azzjoni msejsa fuq l-**Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili**. L-Ewwel sub-artikolu tal-imsemmi artikolu jipprovdi ssegwenti:

"(1) Salv meta jkun hemm kondominju jew stat ta'indiviżjoni forzata, meta xi ħaġa tkun inżammet in komun għal iżjed minn tliet snin u ħadd mis-sidien ma jkun beda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal ieħor għall-qsim tal-proprjetà li tkun qed tinżamm in komun, u l-komproprjetarji jonqsu milli jiftiehmu dwar il-bejgħ ta' xi proprjetà partikolari bejniethom, il-qorti għandha, jekk tkun sodisfatta li ħadd mill-komproprjetarji dissidenti ma jkun gravament preġudikat b'dak li tordna, tawtorizza l-bejgħ skont ma jkun jixtieq l-akbar għadd ta' komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma li kull komproprjetarju jkollu."

Illi l-istess Artikolu jkompli jiddelinja r-rekwiżiti li għandhom jiġu sodisfati proprju fit-tieni u r-raba' sub-artikoli:

"(2) It-talba lill-qorti għandha ssir permezz ta' rikors li miegħu jkun hemm annessa dikjarazzjoni tas-sidien fejn jaqblu li jsir il-bejgħ kif ukoll prospett li jkun juri l-għadd u l-valur tal-ishma li kull wieħed minnhom ikollu kif ukoll il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li taħthom ikun ser isir il-bejgħ. Fir-rikors għandha tiġi indikata wkoll id-data meta l-ħwejjeġ ikunu ġew in komun u ċ-ċirkostanzi relattivi.

[...]

(4) Dikjarazzjoni li xi komproprjetarju minnhom ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista' jinstab għandha tiġi konfermata bil-ġurament minn wieħed mir-rikorrenti."

Ikkunsidrat

In tema legali ssir referenza għal dak li ddikjarat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru 2018 fl-ismijiet **Helen Zammit et vs. Madeleine Muscat** (Rik Ġur Nru 327/16) fejn kellha dan xi tgħid fir-rigward tal-Artikolu 495A tal-Kapitolu 16 :

"Madankollu, biex Qorti tiddeċiedi jekk tilqax jew le talba għall-bejgħ ma huwiex biżżejjed li l-parti intimata tressaq stejjem li juru differenza fil-valur tal-proprjeta' fejn id-differenza fil-valur bejn il-prezz miftiehem u l-valur fl-istima tkun relattivament żgħira. Kif ingħad, l-iskop tal-artikolu 495A mhuwiex biex jiġi assigurat bi preċiżjoni l-valur tal-proprjeta' fis- suq, imma li tara li l-bejgħ isir bi prezz xieraq li ma jġib ħsara lill-ebda proprjetarju;"

"Illi l-għan ta' dan l-artikolu tal-liġi kien intiż biex jiffaċilità t-trasferiment ta' proprjetà fl-intier tagħha meta jkun hemm proprjetarji ta' minoranza ta' ishma li għal raġuni jew oħra ma jridux jew ma jistgħux jersqu għat-trasferiment tal-intier tal-proprjetà in komun.[1] L-akkoljiment tat-talbiet attriċi jwassal għall-bejgħ sfurzat għar-rigward tal-minoranza dissendenti jew mhux magħrufa. Huwa għalhekk id-dover tal-Qorti li tara u tassugura li ma jsirx abbuż, sfruttament u li l-minoranza ma tbgħati ebda preġudizzju (li pero kif se naraw huwa wieħed kwalifikat), għalhekk kif ingħad fis-sentenza mogħtija fis-6 ta' Frar 2017 mill-Prim'Awla diversament preseduta fl-ismijiet **Josephine Grech pro et noe vs. George Joseph Parnis** (Rik. Ġur. Nru 168/16 LM)[2]:"

---

[1] Ara **David Abela noe vs. Dr. Simon Micallef Stafrace noe** (Rik Ġur Nru 1177/2010) deċiża mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fit-30 ta' Gunju 2011.

[2] Ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27 t'Otturbu 2017. Ara wkoll **Shirley Cardona et vs. Victor Bonanno (**Rik Gur 600/15LM) deċiża mill-Prim'Awla fl-4 t'April 2016.

"l-artikolu 495A tal-Kap 16 huwa eżemplari eċċelenti ta' dan il-kompromess. Propjetà li titħalla mhux maqsuma għal iktar minn għaxar snin [Jew ghal tlett snin fil-każ ta' wirt li jigi fis-sehh wara l-1 ta' April, 2016], li huwa diġa perjodu twil ħafna, tista' tinbiegħ mill-komproprjetarji li jkollhom il-maġġoranza tal-ishma b'kundizzjoni waħda suprema: li l-komproprjetarji dissidenti ma jkunux gravement ppreġudikati. Għalhekk mhux bizzejjed li jigu ppreġudikati, imma jinħtieg li jkunu gravament ippreġudikati. Hawn il-leġislatur qed jagħmilha ċara li anke jekk il-kundizzjonijiet tal-bejgħ ma jkunux ottimali, jew l-aħjar li jistgħu jingiebu fis-suq, xorta waħda l-bejgħ irid isir; il-linja trid tinqata' u tinqata' malajr. Altrimenti jiġi mminat l-iskop kollu tal-precitat artikolu 495A tal-Kap 12."

Illi fid-deċiżjoni li ingħatat fil-31 ta' Mejju 2017 fil-kawża fl-ismijiet **Aloysius Farrugia et vs Dr Josette Sultana et noe** (Rik. Ġur. Nru. 756/2016 MH) din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk dwar l-Artikolu 495A (3) tal-Kapitolu 16:

"Jigi osservat fl-ewwel lok, li skont l-artikolu 495A (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-legislatur espressament ipprovda ghall-hatra ta' kuratur u biex jirraprezentaw lill-komproprjetarji li mhumiex maghrufa. [...]

L-iskop ta' dan l-artikolu tal-ligi kien intiz biex jiffacilita t-trasferiment ta' proprjeta' fl-intier taghha, meta jkun hemm proprjetarji ta' minoranza ta' ishma li ghal raguni jew ohra ma jridux jew ma jistghux jersqu ghat-trasferiment fl-intier tal-proprjeta' in komun.

Madankollu l-kompitu tal-Qorti fi procedura istitwita taht l-artikolu 495A hija biex tistabbilixxi jekk il-komproprjetarju/i dissidenti ma jkunux gravament pregudikat."

Illi dan jingħad ukoll fid-dawl ta' dak li rriteniet il-Qorti tal-Appell Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Nutar Richard Vella Laurenti et vs John Vella Laurenti et** (Rik. Ġur. Nru 956/15 LM) deċiża fis-27 ta' Jannar 2017 u ċioe '*Meta l-ligi fl-artikolu msemmi ssemmi l-kelma pregudizzju tinftiehem li dan irid ikun gravi –*

*b'tali mod li l-bejgh eventwali tal-propjeta' in kwistjoni jkun biex wiehed juza terminu bl-ingliz " manuifestly unfair" ghad*-dissident.'

Ikkunsirat

Illi ai termini tal-Artikolu 495A dak li jeħtieġ li tassikura din il-Qorti huwa li l-prezz tal-bejgħ ikun vantaġġjuż għall-partijiet kollha, kemm dawk li jkunu jridu jbiegħu, kif ukoll għal dawk li ma jkunux iridu (fil-każ li jkun hemm opposizzjoni minn dawn tal-aħħar) jew għal dawk il-ko-propjetarji li ma jkunux magħrufa jew jekk magħrufa ma jistgħux jiġu ntraċċati (kif inhu l-każ tal-lum).

**In-Nutar Josef Masini Vento**[3] xehed illi x-xerrej Ellul Roswell u t-tfajla tieghu, kienu ghazlu lilu bhala n-nutar ghall-publikazzjoni tal-atti rikjesti, u ghalhekk kien mar fid-dar tal-anjzani l-Mellieha, peress illi omm il-vendituri tinstab rikoverata hemmhekk, sabiex isir il-konvenju. Spjega li sussegwentement mir-ricerki sar jaf illi kien hemm kwart mill-proprjeta li kien ta' missier il-vendituri, u li, fis-successjoni kien gie maqsum u mifrux fuq diversi persuni, li diversi minnhom jinsabu barra minn Malta. Kompla li kien sar kuntatt ma' dawn il-persuni, u kienu saru l-prokuri necessarji, izda kien baqa' persuna wahda, u cioe Jason Langley, illi ma kellhomx prokura tieghu, u ghalhekk kien ta parir lill-partijiet sabiex imorru jiehdu parir minghand avukat.

**Tiziana Micallef**[4] xehdet illi hija kienet bghatet email lil Jason Langley f'April sabiex tinformah li kien hemm xerrejja prospettivi u li kien hemm bzonn prokura minghandu, izda kienet baqghat ma rcevietx risposta.
**Dr. Maxilene Ellul**[5] xehdet illi hija l-avukat difensur ta' Roswell Antoine Ellul u pprezentat kopja awtentikata minnha ta' stima maghmula mill-Perit Henry Attard tal-proprjeta in kwistjoni.

---

[3] Paġna 61A tal-proċess.
[4] Paġna 61G tal-proċess.
[5] Paġna 61I tal-proċess.

Ir-rikorrenti ppreżentaw l-istima preparata mill-**Perit Mannie Galea**[6] li permezz tagħha iddikjara fost l-oħrajn kif ġej:- "Wara li kejjilt il-proprjeta' u hadt in konsiderazzjoni l-istat strutturali taghha, nistmha għal €106,000 (mija u sitt elef euro) fid-data tal-17 ta' Dicembru 2016."

Ikkonsidrat;

Mill-provi mressqa jirriżulta illi l-partijiet huma lkoll proprjetarji tal-fond bin-numru 27, Pjazza San Gakbu, Zabbar fis-segwenti ishma: - 75% appartenenti lir-rikorrenti Virginia Cremona; - 4.166% appartenenti lir-rikorenti Alfred Cremona; - 4.166% appartenenti lir-rikorenti Grace Cremona; - 4.166% appartenenti lir-rikorenti Rita Cini; - 4.166% appartenenti lir-rikorenti Mary Ellul; - 2.083% appartenenti lir-rikorrenti Joanne Vella Cremona; - 2.083% appartenenti lir-rikorrenti Sharon Cremona; - 1.389% appartenenti lir-rikorrenti Jonathan Langley; - 1.389% appartenenti lir-rikorrenti Lisa Langley; - 1.389% appartenenti lill-intimat Jason Langley.

Ir-rikorrenti issostanzjaw sodisfaċentement il-pretensjoni tagħhom illi huma l-ko-proprjetarji maggoritarji, billi ghandhom flimkien 98.611% sehem indiviż tal-immobbli mertu ta' dawn il-proċeduri.

Jirriżulta wkoll illi l-partijiet ilhom fi stat ta' ko-proprjeta ghal aktar minn tliet snin.

Ikkunsidrat;

[6] Paġna 323 tal-proċess.

Ta' relevanza hija l-kunsiderazzjoni magħmula minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Spiteri et vs. Josephine Debono et**[7] fejn ġie ritenut li:

"Il-kawza u r-raguni tal-artikolu 495A hu l-hall tax-xirka tal-komproprjetarji meta l-minoranza ma tkunx trid tinhall mill-koproprjeta. Jekk jinstab xerrej u l-valur oggettiv tas-sit hu ragonevoli u realistiku tenut kont tal-fatti marbuta direttament mas-sit allura r-rieda tal-maggoranza ghandha tirbah. Hu inutili li wiehed jispekula li seta' ingieb prezz ahjar jew il-potenzjal tal-izvilupp hu aktar. Il-mezzi u intenzjoni tal-akkwirent prospettiv mhumiex rilevanti ghal fini tal-valur tal-proprjeta. Dak li hu rilevanti hu l-valur tas-sit fis-suq u jekk il-bejgh ikun ser jikkreja pregudizzju serju lil minoranza. Tali pregudizzju ma jistax jitqies b'mod ipotetiku jew teoretiku jew fondat fuq raguni li tista' jew ma tistax issehh. Il-Qorti tqis li l-konvenut ma xejjinx it-talba tal-atturi bi provi sostanzjali u materjalment pruvati u ghalhekk it-talba tal-attur hi gustifikata."

Illi l-Qorti trid tistrieħ fuq il-provi miġjuba quddiemha. Il-Qorti ma tara l-ebda raġuni valida għaliex għandha tiddipartixxi mill-istima mogħtija mill-Perit Mannie Galea. Fil-fehma tal-Qorti il-konvenut la ser iġarrab preġudizzju u wisq anqas xi preġudizzju gravi. Il-Qorti qieset ukoll illi l-konvenju ma fih ebda kundizzjoni li m'hix solitament inkluża f'konvenjji ta' din ix-xorta. Il-kundizzjonjiet ma jikkostitwixxu ebda piż jew konsegwenza li b'xi mod jistgħu jġibu magħhom xi preġudizzju ta' xi natura.

Illi l-istat ta' komunjoni bejn il-partijiet ilha għal aktar minn tliet snin u m'hijiex waħda ta' indiviżjoni forzata jew ġejja minn stat ta' kondominju. Lanqas ma jirriżulta li hemm pendenti xi kawża ta` diviżjoni li tirrigwarda l-proprjetà in kwistjoni. Il-partijiet għamlu wkoll id-dikjarazzjoni tagħhom ai termini tal-Artikolu 495A (4)[8]. Mill-atti jirriżulta wkoll li l-publikazzjoni ai termini tal-Artikolu 495A (3) saret ukoll.[9] JONQOS PUBBLIKAZZJONI GAZZETTA TAL-GVERN

[7] Rik. Nru 899/2016 MCH deċiża fis-27 ta' Ġunju 2017.
[8] Paġna 5 tal-proċess.
[9] Paġna 335 tal-proċess kif ukoll paġna 244 et seq.

Illi wara li ġew osservati dawk ir-rekwiżiti proċedurali u sostanzjali meħtieġa, ma jibqa' ebda raġuni għaliex il-Qorti m'għandhiex tilqa' t-talba għal dan il-bejgħ.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiddisponi mir-risposta tal-kuratur deputat għall-assenti konformement ma' dak hawn deċiż, u

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi, tawtorizza l-bejgh tal-kwoti kollha ta' propjeta' tal-fond 27 Pjazza San Gakbu Zabbar bil-prezz u kundizzjonijiet misjuba fil-konvenju anness bhala Dok A;

2. Tilqa' t-tieni talba attriċi, tistabilixxi l-jum tas-Sibt 4 ta' Mejju 2019 fl-għaxra ta' filgħodu (10.00a.m.) fl-uffiċju tan-Nutar Dottor Josef Masini Vento għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ relattiv;

3. Tilqa' t-tielet talba attriċi, tinnomina lin-Nutar Dottor Josef Masini Vento sabiex jippublika l-kuntratt ta' bejgħ relattiv;

4. Tilqa' r-raba' talba attriċi, taħtar lil Dr Sonia Consiglio bħala kuratur għall-eventwali kontumaċi fuq il-kuntratt ta' bejgħ relattiv.

5. Tawtorizza lin-Nutar Dottor Josef Masini Vento sabiex inaqqas u jippreleva kull spejjeż u drittijiet li jkunu dovuti għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-bejgħ kif ukoll l-ispejjeż u drittijiet tal-kawża mis-sehem rispettiv ta' kull parti.

6. Tordna li l-ammont spettanti mill-prezz tal-bejgħ lill-konvenut Jason Langley, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż u d-drittjiet relativi, jiġi kkonsenjat lil Dr. Sonia Consiglio sabiex fi żmien ħmistax-il jum mid-data tal-kuntratt tal-bejgħ tiddepożita dak l-ammont taħt l-awtorità tal-Qorti wara li titnaqqas kull taxxa, spejjeż u drittijiet li jkunu dovuti, sabiex l-ammont depożitat jiġi eventwalment żbankat minn min ikollu jedd għalih skont il-liġi.

Bl-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-partijiet kollha skond is-sehem rispettiv; b'dan illi l-ispejjeż u drittijiet tal-kuraturi deputati għall-konvenut assenti jitħallsu mis-sehem tar-rikavat spettanti lill-konvenut assenti; filwaqt li d-drittijiet tal-kuratur għall-kontumaċi jitħallsu mis-sehem tal-parti kontumaċi minnu rappreżentata fuq il-kuntratt.

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion LLD**
**Imħallef**
**28 ta' Marzu 2019**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**
**28 ta' Marzu 2019**